MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 2455/2002

**Michael Balzan Limited**

**Vs**

**Tony Cilia Pisani**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta’ Ottubru 2002 fejn is-socjeta’ attrici talbet sabiex il-konvenut jhallas l-ammont ta’ Lm827.50 (tmien mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-avviz tat-talba intqal li:-
Is-socjeta’ attrici qieghda titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont pretiz u dovut lilha ghal merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata u ghas-servizzi pprestati minnha, konsistenti fil-bejgh u installazzjoni ta’ CCTU System, bejgh u istallazzjoni ta’ mutur ghal-grada u bejgh u manifattura ta’ l-istess grada, u xoghol iehor konness ma’ dan.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali il-konvneut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad li:-
L-konvenut qieghed jikkontesta t-talba tal-attur in kwantu illi l-attur ipprovdilhu mutur tal-grada u apparat iehor difettuz u mhux talli ma rrangax dan id-difett immma hallieh sal-gurnata tal-llum minghajr il-mutur illi huwa jippretendi li jithallas tieghu.

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri skond il-ligi.

Ra l-kontro-talba fejn:
Tony Cilia Pisani, talab Lm2000 (elfejn lira Maltin) rapprezentanti amont sija ta’ danni attwali u ohrajn soferti minnu minhabba installazzjoni ta’ makkinarju difettuz jew mhux funzjonanti.

Ra r-risposta tas-socjeta’ attrici fejn inghad li:-
It-talbiet ta’ l-attur huma ghall-kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-makkinarju installat ma kienx difettuz u kien jiffunzjona tajjeb kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni fil-kawza. Ghalhekk hu car li l-kontro-talba saret mill-konvenut sabiex itawwalil-proceduri istituiti mill-attur.

Sema’ ix-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi s-socjeta’ attrici pproduciet bhala xhieda in sostenn tal-pretenzjoni taghha lid-Direttur Michael Balzan li pprezenta d-dokumenti relattivi.

Il-konvenut naqas li jkun sia prezenti sia li jipproduci xhieda biex jiddifondi l-azzjoni attrici, kif ukoll in sostenn tal-kontro-talba tieghu.

Fin-nuqqas ta’ oppozizzjoni ghat-talbiet attrici, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ l-istess talbiet attrici, jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad il-kontro-talba tieghu, jilqa’ r-risposta tas-socjeta’ attrici ghal kontro-talba tal-

konvneut, bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------